DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/844

tas-26 ta' Mejju 2021

terminazzjoni ta' proċediment antisussidji dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mit-Turkija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

1. **PROĊEDURA**

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar ("il-prodott investigat") li joriġinaw mit-Turkija. Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("Notifika ta' Bidu") ([2]).

(2) Il-prodotti li qed jiġi investigat huma ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar, f'koljaturi jew le (inklużi prodotti "cut-to-length" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief b'laminazzjoni termali, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, li joriġinaw mit-Turkija.

Il-prodotti li ġejjin mhumiex koperti minn din l-investigazzjoni:

— prodotti ta' azzar inossidabbli u azzar elettriku bis-siliċju bi grani orjentati;

— prodotti tal-azzar tal-għodda u tal-azzar li jintuża f'veloċità għolja;

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna li taqbeż l-10 mm u ta' wisa' ta' 600 mm jew aktar; kif ukoll

— prodotti, mhux f'koljaturi, mingħajr diżinji f'riljev, ta' ħxuna ta' 4,75 mm jew aktar iżda li ma taqbiżx l-10 mm u ta' wisa' ta' 2 050 mm jew aktar.

(3) L-investigazzjoni bdiet wara lment ippreżentat mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ("il-Eurofer" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. L-ilment kien fih evidenza suffiċjenti ta' sussidjar u ta' dannu konsegwenti li jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jagħmlu kuntatt magħha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tat-Turkija, lil importaturi, fornituri u utenti magħrufa, negozjanti, kif ukoll assoċjazzjonijiet li kien magħruf li kienu kkonċernati, dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.

(5) Il-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali sal-limitu ta' żmien stipulat fin-notifika ta' bidu.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mit-Turkija (ĠU C 197, 12.6.2020, p. 4).

2. **L-irtirar tal-ilment u t-terminazzjoni tal-proċediment**

(6) Fl-24 ta' Marzu 2021, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li kien irtira l-ilment.

(7) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2016/1037, il-proċedimenti jistgħu jiġu terminati, fejn ilment jiġi rtirat, sakemm tali terminazzjoni ma tkunx kontra l-interess tal-Unjoni.

(8) L-investigazzjoni ma kienet żvelat ebda konsiderazzjoni li turi li huwa fl-interess tal-Unjoni li jitkompla l-każ.

(9) Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċediment antisussidji dwar importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mit-Turkija jenħtieġ li jiġi tterminat mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri.

(10) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment.

(11) Id-Deċiżjoni hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment antisussidju li jikkonċerna l-importazzjoni prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid, azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor, kemm jekk f'koljaturi kif ukoll jekk le (inklużi prodotti "maqtugħin għad-daqs" u "strixxi dojoq"), mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati bis-sħana, mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, ex 7225 19 10 (TARIC code 7225 19 10 90), 7225 30 90, ex 7225 40 60 (kodiċi TARIC 7225 40 60 90), 7225 40 90, ex 7226 19 10 (kodiċi TARIC 7226 19 10 90), 7226 91 91 u 7226 91 99, li joriġinaw mit-Turkija, huwa tterminat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).